MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 877/2005

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Ronald u Mariella miżżewġin AZZOPARDI u Crown Hotels Limited**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Settembru, 2005, li bih il-Bank attur ippremetta;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti datati 25 ta' Marzu, 1998, 11 t'Ottubru 2002 u 25 ta' Ġunju 2004 (Dok. "A", "B" u "C") it-tlieta in atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo', is-soċjeta' attriċi kkonċediet faċilitajiet ta' "Loan, House Loan, Business Loan u Overdraft" lill-konvenuti Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi;

Illi s-soċjeta’ attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi fis-somma ta’ seba’ mija u wieħed u tmenin elf, mija u ħames Liri Maltin u sitt ċenteżmi (Lm781.105.06) bilanċ għad-debitu fil-“Loan, House Loan u Overdraft Accounts” tal-konvenuti Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “D”, “E1 u E2”, “F1 sa F5”, “G1 sa G12”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mid-9 t’Awwissu, 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u ċioe’ dak datat 25 ta’ Ġunju 2004 in atti Nutar Dottor Marco Burlo’ (Dok “C”), kif ukoll permezz ta’ skrittura privata datata 10 t’Awwissu, 2004 li qed tiġi hawn esebita u markata Dok. “H”, is-soċjeta’ Crown Hotels Limited iggarantiet flimkien u “in solidum” mal-konvenuti Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c fir-rigward tal-*Business Loan* markat Dok. “D” ta’ Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi mas-soċjeta’ Bank of Valletta p.l.c liema debitu jlaħħaq is-somma ta’ ħames mija u sitta u tletin elf, seba’ mija u wieħed Liri Maltin (Lm536,701.00) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mid-9 t’Awwissu 2005 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi kif ukoll is-soċjeta’ Crown Hotels Limited (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, u (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-benefiċċju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tiegħu f’daqqa;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta’ żewġ ittri uffiċjali datati 30 ta’ Mejju 2005 u 27 ta’ Lulju 2005 u li kopja tagħhom qed jiġu hawn esebiti u mmarkati Dok “I” u

“J”, sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija u partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi kif ukoll is-soċjeta’ Crown Hotels Limited (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi.

2. Tikkundanna lill-konvenuti Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ seba’ mija u wieħed u tmenin elf, mija u ħames Liri Maltin u sitt ċenteżmi (Lm781,105.06) bilanċ għad-debitu fil-“Loan, House Loan, Business Loan u Overdraft Accounts” tal-konvenuti Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “D”, Dok. “E1 u E2”, Dok. “F1 sa F5” u Dok. “G1 sa G12”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mid-9 t’Awwissu 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

3. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta Crown Hotels Limited tħallas lis-soċjeta’ attriċi flimkien u *in solidum* ma’ Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi s-somma ta’ ħames mija u sitta u tletin elf, seba’ mija u wieħed Liri Maltin (Lm536,701.00) bilanċ fir-rigward tal-*Business Loan Account* markat Dok. “D” ta’ Ronald u Mariella miżżewġin Azzopardi mas-soċjeta’ Bank of Valletta p.l.c flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mid-9 t’Awwissu 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittri uffiċjali datati 30 ta’ Mejju 2005 u 27 ta’ Lulju 2005 u tal-Mandati ta’ Sekwestru

u Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank attur, flimkien mas-sitta u għoxrin (26) dokument mehmużin magħha;

Rat li l-imħarrkin, notifikati kif imiss bl-atti tal-kawża u bl-Avviż tas-Smigħ[1], u wara li l-istess imħarrkin infushom ressqu Nota fis-27 ta' Marzu, 2006[2] biex juru li kienu qegħdin jagħtu rwieħhom b'notifikati bl-atti tal-kawża, madankollu naqsu li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u b'hekk waqgħu ilkoll kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda ta' rappreżentant tal-Bank attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum, li bih l-għaref avukat tal-Bank attur iddikjara li l-Bank attur ma kellux aktar provi xi jressaq u talab li l-Qorti tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

Billi fil-kontumaċja tal-imħarrkin u wara li fliet sewwa l-atti proċesswali u x-xhieda mogħtija, it-talbiet attriċi jidhru mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tidddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti li bihom l-imħarrkin kienu ngħataw il-faċilitajiet bankarji u ikkostitwew irwieħhom bħala debituri u garanti favur il-Bank attur, u dan billi naqsu li jħallsu r-rati tal-ħlas miftehmin, billi naqsu li jħarsu r-rabtiet minnhom assunti favur il-Bank attur fl-imsemmija kuntratti, u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-imħarrkin li jwasslu biex il-bank attur jitlob il-ħlas tal-bilanċ sħiħ lilu dovut minnhom;

[1] Paġ. 73 *tergo*, 81 *tergo* u 83-4 tal-proċess
[2] Paġ. 85 tal-proċess

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin miżżewġin Azzopardi, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' seba' mija u wieħed u tmenin elf mija u ħames liri Maltin u sitt ċenteżmi (Lm 781,105.06), rappreżentanti l-bilanċ għad-debitu ta' *Loan, House Loan, Business Loan* u *Overdraft Account*, mogħtijin lilhom mill-istess Bank attur, u dan flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri b'effett mid-9 ta' Awissu, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka Crown Hotels Limited tħallas lill-Bank attur is-somma ta' ħames mija u sitta u tletin elf seba' mija u lira Maltija (Lm 536,701.00) bilanċ ta' *Business Loan Account* mogħti lill-imħarrkin miżżewġin Azzopardi mill-Bank attur, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri b'effett mid-9 ta' Awissu, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom iħallsu wkoll **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------